



Brussell, 11 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

15569/17

DEVGEN 289  
ACP 143  
RELEX 1095  
COAFR 325  
COHAFA 107  
FIN 831

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                  |                                                                                                                                                                                                                                         |
|------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                        |
| fi:              | 11 ta' Diċembru 2017                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                        |
| Nru. dok. preċ.: | 13629/17                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett:         | Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet"<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (11 ta' Diċembru 2017) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet", kif adottati mill-Kunsill fit-3587 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Diċembru 2017.

**Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar  
"Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu  
promettenti minkejja xi nuqqasijiet"**

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet". Ir-Rapport Speċjali huwa partikolarment siewi peress li l-fondi fiduċjarji tal-UE huma għodda ġdida tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp użata għal azzjonijiet ta' emerġenza, ta' wara emerġenza jew dawk tematiċi u l-fond fiduċjarju ta' Bêkou (BTF) huwa l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu.
2. Il-Kunsill u l-Istati Membri jfakkru fil-pożizzjoni tagħhom dwar l-użu ta' fondi fiduċjarji tal-UE kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tal-2017.
3. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-BTF ġie stabbilit bħala reazzjoni għal kriżi bla preċedent ikkaratterizzata mill-vjolenza interkomunitarja, id-dgħufija tal-funzjonijiet bażiċi tal-istat, ġhajjnuna internazzjonali limitata u sfidi umanitarji u ta' żvilupp sostanzjali fir-Repubblika Ċentru-Afrikana. Fid-dawl tal-isfidi kontinwi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla l-mobilizzazzjoni internazzjonali ta' riżorsi biex jiġu pprovduti għajjnuna umanitarja u ta' żvilupp u jiġu kkonsolidati l-irkupru, l-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiż.
4. Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar il-BTF huwa partikolarment importanti peress li huwa l-ewwel awditu ta' Fond Fiduċjarju tal-UE. Ir-rapport joffri osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet siewja dwar il-kisbiet pożittivi u l-isfidi tal-BTF, li wħud minnhom jistgħu jgħinu biex jissaħħu l-ġestjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' fondi fiduċjarji oħra tal-UE.

5. Rigward l-ewwel tliet snin ta' implimentazzjoni tal-BTF, il-Kunsill jieħu nota tajba tal-valutazzjoni ġeneralment pożittiva mill-Qorti tal-Awdituri u l-progress li sar s'issa. Il-Kunsill jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-ħolqien tal-BTF kien adatt u l-BTF kien reazzjoni rapida għall-ħtieġa ta' strument ikkoordinat biex ikun hemm rabta bejn l-ġhajjnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp. Il-Kunsill jinnota li l-Qorti, fost is-sejbiet ewlenin tagħha, tikkonkludi li l-Kummissjoni rnexxielha b'mod ġenerali tistabbilixxi, tiġġestixxi u timplimenta l-BTF iżda li għad jenħtieġ li jsiru t-titjibiet sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.
6. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota taż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jappella lill-Kummissjoni biex:
- Tiżviluppa gwida ulterjuri dwar l-ġhażla tagħha ta' vettura tal-ġhajjnuna inkluż valutazzjoni konċiża u strutturata tal-vantaġġi komparattivi ta' fondi fiduċjarji meta mqabbla ma' modi oħra tal-ġhajjnuna f'termini ta' kapaċità ta' rispons u adattabbiltà għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u għal kull fond fiduċjarju twettaq analiżi tal-ħtiġijiet tal-valur miżjud tiegħu qabel l-istabbiliment ta' tali fond fiduċjarju.
  - Ittejjeb il-koordinazzjoni tad-donaturi, il-proċeduri tal-ġhażla u l-kejl tal-prestazzjoni u tottimizza l-ġestjoni ta' spejjeż amministrattivi fil-fondi fiduċjarji tal-UE b'mod ġenerali u b'mod aktar partikolari fil-BTF. Tali titjib ikun kritiku biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-BTF.
7. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni rreaġixxiet b'mod komprensiv għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jistenna b'interess l-implimentazzjoni effikaċi tal-BTF u l-fondi fiduċjarji eżistenti l-oħra. It-tagħlimiet meħuda mill-BTF għandhom jiġu kondiviżi, distribwiti u integrati b'mod effikaċi, kull meta jkun rilevanti, fil-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' Fondi Fiduċjarji tal-UE sabiex jiġi ottimizzat l-użu ta' din il-modalità ta' ġhajjnuna fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni biħsiebha tagħmel aktar titjib b'mod gradwali u tintegra t-tagħlimiet meħuda mill-BTF fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' fondi fiduċjarji oħra tal-UE.